# Għaxxquha bħalu: Infurzar nofs kedda, u ħadd ma jinstab responsabbli għall-qtil taċ-Ċikonji Bojod tas-sena l-oħra

## James Magri meħlus mill-akkuża ta' kaċċa illegali fuq Ċikonji Bojod fl-10 ta' Awwissu 2018, imma jinstab ħati li kkaċċja barra l-istaġun

Kaċċatur minn Ħad-Dingli llum inħeles mill-akkużi b'rabta mal-qtil taċ-Ċikonji Bojod fil-massakru tas-sena l-oħra minkejja li filmati li ġew ippreżentati fil-qorti bħala evidenza juru kemm lit-tajr protett qed jinqatel kif ukoll persuna b'karkassa f'idejha.

Il-qorti preseduta mill-Maġistrat Astrid May Grima, madanakollu, illiberat lill-kaċċatur minħabba li ma setax jiġi identifikat mill-filmati, u anke għaliex ma nstabet l-ebda karkassa ta' Ċikonja Bajda fil-pussess tiegħu.

Kien fl-10 ta' Awwissu 2018 meta qatgħa ta' 18-il Ċikonja Bajda (White Stork) niżlet f'Malta. Ftit minuti wara li waslu, ġew sparati tiri lejhom fir-Rabat u Ħad-Dingli. Ċiklist li kien fl-inħawi ffilmja dak kollu li ġara b'*action camera* u ċempel lil BirdLife Malta u lill-pulizija. Iċ-ċiklist iffilmja kollox, inkluż mill-inqas żewġ Ċikonji Bojod qed jinqatlu u, ftit wara, qabad ukoll persuna fil-filmati qed tiġri b'Ċikonja Bajda mejta f'idejha, qabel ma daħlet fi proprjetà fil-viċinanzi.

Filwaqt li BirdLife Malta waslet fil-post fi ftit minuti, dakinhar il-pulizija ma waslitx fl-inħawi qabel siegħa u nofs wara, minkejja s-sejħiet kontinwi tagħna għall-għajnuna. Spettur li lanqas biss kien xogħol tfaċċa aktar tard u eleva mill-post waħda miż-żewġ Ċikonji Bojod maqtula.

L-istħarriġ kompla biss fil-jiem ta' wara meta James Magri kien identifikat mit-taqsima tal-Administrative Law Enforcement (ALE) tal-Pulizija bħala suspettat – bis-saħħa tal-fatt li għandu proprjetà f'dawn l-inħawi u anke mill-filmati li ġew ipprovduti.

Fil-qorti, żewġ persuni li kienu miegħu dakinhar li seħħ il-każ irrakkontaw kif Magri sparixxa bis-senter wara li dehru ċ-Ċikonji Bojod, u kif aktar tard deher aġitat u lil wieħed minnhom qallu "Għaxxaqtha!".

Iċ-ċiklist, li kien ġibed il-filmati kollha b'kamera mwaħħla mar-rota, kien xehed fil-qorti li kien waqaf jieħu r-ritratti liċ-Ċikonji Bojod wara li lemaħhom: "Sa xħin inżilt mir-rota waħda minnhom taret. Smajt xi tiri u rajt uħud minnhom neżlin mal-art. Meta dort mal-kantuniera, rajt raġel qed jiġri b'senter f'id waħda u b'għasfur f'idu l-oħra".

Minkejja f'dan kollu, il-qorti – abbażi tal-argumenti mressqa mid-difiża – iddeċidiet li l-akkużat ma setax jiġi identifikat mill-filmati, u li l-ebda karkassa ta' Ċikonja Bajda ma nstabet għandu. James Magri għalhekk ma nstabx ħati tal-akkuża marbuta mal-qtil taċ-Ċikonji Bojod. Min-naħa l-oħra kien immultat €3,500, itteħditlu l-liċenzja tal-kaċċa għal sentejn u ssekwestrawlu s-senter, wara li ammetta li uża s-senter dakinhar.

B'kuntrast mal-kundanna ġenerali mill-pubbliku, lura f'Awwissu l-kaċċaturi kienu rreaġixxew għal dan il-massakru bi stqarrija li fiha waħħlu fil-Kummissjoni Ewropea u l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (ECJ) għal dawn l-atti illegali, donnhom biex jgħidu li dan huwa li jiġri meta l-kaċċaturi ma tgħaddix tagħhom – riferenza ċara għall-verdett tal-ECJ dwar id-deroga tal-insib fuq l-għasafar tal-għana li ġab fi tmiemha din il-prattika f'Malta.

Dwar is-sentenza mogħtija llum, il-Conservation Manager ta' BirdLife Malta Nicholas Barbara qal: "Din is-sentenza turi l-istat miskin ta' infurzar li qed tiffaċċja Malta fil-ġurnata tal-lum, u hija konsegwenza tan-nuqqas ta' riżorsi li għandha l-pulizija biex tiġġieled ir-reati kriminali ambjentali. Meta seħħ dan l-inċident żewġ membri tal-istaff ta' BirdLife Malta waslu fil-post qabel il-pulizija, wara li huma stess segwew liċ-Ċikonji Bojod minħabba l-periklu li jispiċċaw jinqatlu. Filmati li ġibed b'mod volontarju ċiklist kienu kruċjali biex jiġi identifikat is-suspettat u biex l-inċident isir jaf bih kulħadd. Imma minkejja dan kollu, il-pulizija dakinhar kienu assenti, sa xħin spettur tal-ALE li lanqas biss kien xogħol tfaċċa minn jeddu. Dan kollu wassal għal telf ta' ħin prezzjuż li seta' jwassal biex l-akkużat jinqabad fil-fatt jew fil-pussess tal-karkassa."

Din is-sitwazzjoni turi wkoll li kieku ma jkunx għal NGOs jew voluntieri – ħadd qatt ma jitressaq il-qorti. Fil-fatt, minkejja l-koperazzjoni tal-pubbliku fil-jiem ta' wara, it-18-il Ċikonja Bajda kollha sparixxew u ħadd ma nżamm responsabbli. Hija turija wkoll li l-awtoritajiet tal-infurzar bħat-Taqsima għar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi (WBRU) huma bla snien u mhumiex mgħammra kif għandu jkunu biex ma jippermettux inċidenti bħal

dawn jew biex iressquhom quddiem il-ġustizzja mingħajr l-għajnuna tal-pubbliku jew tal-NGOs.

F’sitwazzjoni bħal din, fejn inċidenti simili se jkomplu jseħħu, hija r-responsabbiltà tal-Gvern li jagħmel dmiru u jħares in-natura u l-ħajja fis-selvaġġ waqt li jiżgura li reati bħal dawn ma jerġgħux iseħħu. Infakkru lis-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri li l-Kumitat Ornis approva unanimament il-ħtieġa li titwaqqaf Wildlife Crime Unit, u nappellawlu biex dan il-pjan jinbidel f’azzjoni bil-kollaborazzjoni tal-Ministru responsabbli mill-pulizija. Wara l-inċidenti taċ-Ċikonji Bojod tas-sena l-oħra, l-uniku pass li ħa Camilleri kien li llaxka l-liġijiet tal-kaċċa għall-Fenek Selvaġġ u b’hekk se jagħti lok għal aktar inċidenti bħal dawn – b’kaċċaturi liberi li jagħmlu li jridu bla ma ħadd jikkontrollahom f’perjodu meta l-ALE tkun impenjata b’xogħol ieħor, kif kien il-każ f’Awwissu li għadda!

**TMIEM**


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org


**Ritratti mehmużin:**

1. Waħda miż-żewġ Ċikonji Bojod li tniżżlu f’Ħad-Dingli f’Awwissu 2018. Iċ-Ċikonja Bajda l-oħra kienet iffilmjata imma qatt ma nstabet (Ritratt ta’ Nik Barbara)
2. Iċ-Ċikonja Bajda mejta li nstabet f’Ħad-Dingli (Ritatt ta’ Nik Barbara)
3. Ritratt meħud mill-filmati ppreżentati bħala evidenza

**Download footage here: https://youtu.be/EQTQvyOTa_Y**

- Filmati ppreżentati bħala evidenza fil-qorti li juru ċ-Ċikonji Bojod qed jitniżżlu b’tiri ta’ senter u persuna żżomm karkassa f’idejha (Filmati oriġinali ta’ Joseph Psaila)